# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-42 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

42.01 **Talba**

42.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

42.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

42.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

42.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 41**

42.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 41 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

42.04 **Assenjar ta' Dekasteri lil Kunsillieri**

42.04.01 Peress li kien biss dal-għodu li sirna nafu min ser ikun il-Kunsillier il-ġdid, dan il-punt ma ġiex diskuss illum iżda ser ikun fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

42.05 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.05.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' uffiċċjali mil-LESA dwar il-vetturi waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola kif ukoll dwar il-*Heavy Vehicles* li qed jgħaddu mill-Pjazza. Hija qalet li rigward il-Pjazza, s-Sur C. Tonna issuġġerixxa li tinġabar statistika dwar il-*Heavy* Vehicles li preżentement qed jgħaddu mill-Pjazza u din l-istatistika diġà qed tinġabar mill-Uffiċċjali tal-Komunità. Rigward il-vetturi ħdejn l-iskola, hija nfurmat li wara żjara fuq il-post, kien hemm qbil li għandhom jiżdiedu l-*bollards* fuq iż-żewġ naħat tal-iskola sabiex tiżdied is-sigurtà kif ukoll li vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Valletta iridu jniżżlu t-tfal u jipproċedu lejn Triq il-Karmnu bil-proċess ma jieħux aktar minn 2 minuti.

42.05.02 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-Sur Joe Borg minn *Nexos Street Lighting* fejn kien hemm qbil illi peress li l-fanali ta' Triq Karmenu Ciantar huwa mixtrija u qegħdin fil-pussess tal-Kunsill, jista' jsir pagament ieħor ta' € 5,000 u l-bilanċ jintuża għall-installazzjoni tal-istess fanali. Il-Kunsill approva dan il-pagament.

42.05.03 Is-Sindku nfurmat li waqt il-laqgħa mas-Sur Borg (Nexos), ġiet mgħarrfa li l-materjal li kien jintuża sabiex ibiddel il-kulur tal-*floodlights* ma għadux jiġi mportat u għalhekk kien hemm qbil li għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 2 *floodlights* RGB għal mal-faċċata tal-bini tal-Kunsill.

42.05.04 Is-Sindku irreferiet għal talba li kienet saritilha sabiex il-fanal li hemm fil-bidu ta' Triq Valletta minn Triq il-Parrocca jiċċaqlaq sabiex ma jagħmilx ħsara lil-pavaljuni. Hija kkonfermat li r-residenti affettwati b'dan iċ-ċaqlieq ma sabux oġġezzjoni u għalhekk ix-xogħol ser isir fil-ġranet li ġejjin.

42.05.05 Is-Sindku nfurmat li resident kien talab il-permess sabiex a spejjez tiegħu, jaħsel Sqaq l-Isptar u Triq Mikelanġ Sapiano minħabba tieġ li ser ikun hemm fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

42.05.06 Is-Sindku issuġġeriet li viċin il-festa għandu jsir il-ħasil ta' Triq il-Fjuri u Triq il-Parroċċa. Hija qalet li ser tkellem lil-*Cleansing Division* sabiex tara jekk jistgħux jaqduna huma, jekk le ssir mill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil.

***Il-Kunsillier O. Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fil-5.10 pm***

42.05.07 Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni tagħna sabiex isir *embellishment* fi Triq tas-Sejba viċin ir-*runway* ma setgħetx issir peress li konna skoprejna li l-art hija waħda privata. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nkellmu lil Perit sabiex naraw jekk hux possibbli li l-*area* fejn hemm is-siġar u arbuxelli fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija jinkesa bil-*bark chips* jew *synthetic turf*.

42.05.08 Is-Sindku spjegat li għalkemm suppost il-kuntratt li hemm rigward il-*Green Infrastructure* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija huwa għal 5 snin, jirrizulta li l-kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet ikopri biss sena. Wara diskussjoni kien hemm qbil li waqt il-laqgħa li ser ikollna mal-Onor. Ministru M. Dalli, nippruvaw sabiex l-ELC jerġgħu jieħdu l-manutenzjoni f'idejhom.

42.05.09 Is-Sindku spjegat li wara *site-visit*, irriżulta li l-aħjar post sabiex fih teħel il-bandla għal min juża siġġu tar-roti fi Ġnien Tfal ir-Raħal, huwa wara l-apparat l-ieħor li hemm fil-ġnien u mhux fl-*area* li konna qed naħsbu fuqha oriġinarjament. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

42.05.10 Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li ġejjin għandu jiġi ffirmat il-ftehim tad-devoluzzjoni tal-barriera bejn l-Imqabba u l-Qrendi fejn fix-xhur li ġejjin ser jiġi żviluppat *Park* mill-Gvern Ċentrali.

42.05.11 Is-Sindku nfurmat li s-Sur K. Cauchi kien iltaqa' mal-ħaddiema tal-Kunsill dwar il-funtana fi Ġnien Mikelanġ Sapiano u kien hemm qbil li x-xogħol jista' jitkompla. Kien hemm qbil ukoll li għandna nkunu nafu eżatt kif ser jintuża l-konkos issuġġerit sabiex il-vaska tibqa b'ammont konsiderevoli ta' ilma.

42.05.12 Is-Sindku nfurmat li wara li wara diversi xhur, il-bennej magħżul sabiex ikabbar il-*Pump Room* fil-Ġnien tal-Mentna, rritorna d-dokumenti li konna bgħatnilu, il-PA infurmatna li dan ma kienx reġistrat bħala bennej u għalhekk ma setgħax jagħmel ix-xogħol. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li jinġiebu kwotazzjonijiet ġodda u din id-darba naraw li min jagħmel l-offerta tiegħu ikun reġistrat skont il-liġi.

42.05.13 Is-Sindku nfurmat li reġa' kien hemm talbiet sabiex isiru *Sleeping Policeman* minħabba li qed jintlaqtu xi qtates iżda dan is-suġġett ma jistax jerġa jiġi diskuss qabel jgħaddu 6 xhur minn meta kien diskuss u deċiż l-aħħar darba.

42.05.14 Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li ġejjin kien ser ikollha laqgħa ma' uffiċjal fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali rigward *issues* pendenti ma' Transport Malta kif ukoll dwar ir-*resurfacing* ta' Triq Baskal Xuereb u Sqaq Buħar.

42.06 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

42.06.01 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar arblu msaddad fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq iċ-Ċavi. Id-DSE wiegħed li ser jiċċekkja.

42.06.02 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex isiru 2 mirja sabiex jiġi faċilitat id-dħul/ħruġ minn Triq Valletta kantuniera ma' Triq it-Torri Vincenti. Din it-talba ġiet approvata u l-Kunsillier Sciberras ser jipprovdi ritratti ta' fejn jaħseb li għandhom jeħlu l-mirja.

42.06.03 Il-Viċi-Sindku staqsa dwar l-arbli li kien hemm fid-daħla tar-raħal u d-DSE informa li dan kien qiegħed għand resident fl-inħawi u li eventwalment għandu jeħel viċin l-irħama tal-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet fi Triq tas-Siġar.

42.06.04 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva ilmenti dwar xogħol fi Triq il-Franka li allegatament qed isir bla permess u tispiċċa tingħalaq anke t-triq.. Id-DSE informa li sfortunatament dan ġara diversi drabi fejn anke kienu ssejħu l-Pulizija fuq il-post. Huwa ser jiċċekkja dwar jekk kienx hemm permess meta l-aħħar sar ix-xogħol.

42.06.05 Il-Kunsillier Dingli informa li kien irċieva diversi lmenti dwar nuqqas ta' knis f'zoni partikolari u ġie deċiż li nerġgħu infakkru lill-kuntrattur dwar l-importanza li l-knis isir skont l-iskeda sabiex tintlaħaq kull parti tar-raħal.

***Bi qbil bejn il-membri preżenti, l-laqgħa ġiet sospiża fis-6.05 pm sabiex tkun tista' ssir il-laqgħa mal-Onor. Ministru l-Onor. S. Zrinzo Azzopardi. Il-laqgħa tkompliet fis-7.30 pm***

42.06.06 Il-Kunsillier Dingli talab *update* dwar il-manutenzjoni fuq il-fustun tal-Kunsill u s-Sindku nfurmat li x-xogħol kien inbeda.

42.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

42.07.01 Korrispondenza mingħand BCRS Malta rigward ir-*Reverse Vending Machine* ġewwa l-Imqabba. Il-Kunsill qed joġġezzjona għas-sit magħżul mill-kumpanija u qed jipproponi 2 siti alternattivi : ħdejn iċ-Ċimiterju jew ħdejn il-*Ground* tal-*Football*. Qabel niddeċiedu għandna niċċekkjaw magħhom jekk il-magna tagħmilx ħsejjes biex taħdem jew le.

42.07.02 Korrispondenza mingħand l-AKL rigward il-Laqgħa Plenarja li ser tinżamm ġewwa l-Ġonna Hastings fit-18 ta' Ġunju. Peress li dakinhar jaħbat lejliet il-festa tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba, ħadd mill-Kunsillieri ma jista' jattendi.

42.07.03 Cirk AKL 2022/052 mingħand l-AKL rigward il-ħidma tal-AKL mal-Assoċjazzjoni tal-Muniċpalitajiet tal-Lombardija. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

42.07.04 Korrispondenza mingħand l-operaturi tal-Banka tal-Lottu tas-soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dwar *Reserved Parking* għar-riċevitur tal-Lottu. L-operaturi identifikaw 2 siti fejn jista' jsir dan il-parkeġġ u l-Kunsill għażel dak l-iktar viċin il-banka li jiġi mal-ħajt tas-soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

42.07.05 Skambju ta' korrispondenza bejn is-Sindku u l-Kap Eżekuttiv tal-FTZD sabiex tingħata għajnuna fil-ġonna sakemm jibda jaħdem il-kuntratt tal-Ġonna.

42.07.06 Skema SPI.SCI.5.2022 mid-DLG dwar Finanzjament għal-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Kien hemm qbil li nkellmu lis-Sur K. Cauchi sabiex naraw nistgħux napplikaw għall-Ġnien tal-Mentna.

42.07.07 Korrispondenza mingħand resident dwar hajt li qed iċedi fi Triq Ħal Farruġ kantuniera ma Triq tas-Sejba. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-Pulizija. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li hemm ħajt perikoluż ieħor fi Triq it-Torri Vincenti.

42.07.08 Korrispondenza mingħand Kor Ingliż sabiex jagħti kunċert ġewwa r-rahal f'Lulju 2023. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta u ġie deċiż li għandna nippruvaw sabiex dan il-Kunċert isir fit-8 ta' Lulju 2023.

42.07.09 Korrispondenza mingħand il-PWD rigward ix-xogħol fil-Pjazza fejn il-Perit Farrugia informa lill-kuntrattur li peress li x-xogħol fuq l-isprall fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u xi xogħol ieħor fil-Pjazza, l-imsemmija xogħlijiet kienu ser isiru mill-ħaddiema tal-Gvern bl-ispejjeż involuti jitnaqqsu mill-ammont li l-Kuntrattur għad fadallu jirċievi.

42.07.10 Ilment mingħand residenta dwar il-preżenza tal-uffiċjali tal-Komunità ħdejn l-iskola fejn jidher li f'okkażjoni partikolari, Uffiċjal tal-Komunità ma mexiex bi prudenza mal-ġenituri. Is-Sindku nfurmat li dan l-ilment ġie riferut direttament lill-LESA.

42.07.11 Il-Kunsillier Sciberras ressaq ilment dwar sprall li sfronda fi Triq Mikelanġ Sapiano u sprall ieħor fi Triq id-Duluri. Is-Sindku nfurmat li dawn iż-żewġ ilmenti kienu ser jieħdu ħsiebhom il-ħaddiema tal-PWD.

42.08 **Sptar il-Qadim**

42.08.01 Il-membri preżenti ddiskutew il-possibilità li l-uffiċini tal-Kunsill jiġu rilokati fl-Isptar il-Qadim sabiex ikunu iktar aċċessibbli għal pubbliku kif ukoll sabiex il-Kunsill ikun jista' joffri servizz aħjar. Fl-aħħar tad-diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jibda l-proċess sabiex isir ir-restawr li għalih ingħatajna l-fondi mil-LESA però waqt l-istess xogħlijiet għandu jsir dak kollu neċessarju daqs li kieku l-Kunsill kien ser jimxi għal dan il-post avolja deċiżjoni finali tittieħed aktar il-quddiem.

42.09 **Festi 2022**

42.09.01 Il-Kunsill irratifika d-deċiżjonijiet relatati mal-Festi 2022 f'laqgħa li kienet inżammet apposta bejn il-laqgħat u li ser jiġu mplimentati waqt il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju x-xahar id-dieħel u f'dik ta' Santa Marija f'Awwissu.

42.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/42**

42.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/42 ġiet approvata unanimament.

42.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

42.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 23 ta' Ġunju fil-5:00 pm

Konfermati illum il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |